**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Claire L. Stafrace Zammit B.A. LL.D.**

**Il-Pulizija**
**[Spettur Josric Mifsud]**

**vs**

**Mohamed Omran Soltan**

**Kumpilazzjoni Numru: 169/16**

**Illum, 21 ta' Mejju, 2018**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuzi migjuba kontra l-imsemmi Mohamed Omran Soltan detentur tal-karta tal-identita` numru 114511A akkuzat talli nhar it-23 ta' Novembru 2014 ghall-habta ta' bejn id-disgha u d-disgha u kwart ta' filghodu (0900hrs – 0915hrs) gewwa 'Hazy View', Triq il-Bajja, Marsaskala;

1) ikkaguna feriti ta' natura gravi fuq il-persuna ta' ***Tiziana Camilleri*** billi taha diversi daqqiet ta' ponn fuq wiccha, taha wkoll daqqa ta' bieb f'wicca, kif ukoll uza strument li jaqta' jew iniggez, u dan bi ksur tal-artikoli 214, 216(1)(b), 217, 218(1)(b), u 221(2) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta Malta

2) talli fl-istess data, hin, lokk u cirkustanzi hebb kontra Tiziana Camilleri sabiex jingurjha, idejjaqha jew jaghmlilha l-hsara bi ksur tal-Artikoli 339(1)(d) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta Malta

3) f'istess data, hin, lokk u cirkustanzi volontarjament ghamel hsara fuq hwejjeg, propjeta' ta' Tiziana Camilleri, billi waqt li kien fir-residenza taghha u cioe' gewwa 'Hazy View', Triq il-Bajja, Marsaskala, taha wkoll daqqa ta' bieb f'wiccha, bil-konsegwenza illi ghamel hsara lill-biebin kwistjoni bi ksur tal-artikoli 325(1) tal-Kap 9, tal-Ligijiet ta Malta

Il-Qorti giet mitluba li tohrog ordni ta' protezzjoni, inklusa fil-mori tal-kawza kontra ***Mohamed Omran Soltan***, a beneficju ta ***Tiziana Camilleri*** u il-***familja*** taghha u dan fit-termini tal-Artikolu 412C tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta Malta,

Il-Qorti giet mitluba f'kaz ta htija, biex tipprovdi ghall-persuni ta' ***Tiziana Camilleri*** u il-***familja*** taghha jew sabiex jinzamm il-bon ordni pubbliku, flimkien mal-piena jew minflok il-piena appllikabbli ghar-reat, torbot lill-***Mohamed Omran Soltan*** b'obbligazzjoni tieghu nnifisu taht penali ta' somma ta' flus li tigi iffissata mill-Qorti billi tapplika l-Artikolu 383 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, ghal zmien li thoss xeraq.

Ukoll il-Qorti giet mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skond il-ligi tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti skond l-aritkolu 533 tal-Kap 9 tal-ligijiet ta' Malta

Rat il-fedina tal-imputat li hija wahda netta;

Rat l-ezami tal-imputat li wiegeb mhux hati tal-akkuzi kif dedotti kontrih;

Rat illi l-imputat ammetta l-akkuzi kollha kif dedotti kontrih qabel mal-Avukat Generali hareg l-Artikoli tal-Ligi u rega' kkonferma tali ammissjoni anke wara li nghata zmien opportun sabiex jerga' jahsibha;

Rat l-atti kollha tal-kawza inkluz ir-rapport tal-espert nominat mill-Qorti Dr. Mario Scerri sabiex jezamina lill-parte civile Tiziana Camilleri u jiccertifika jekk il-griehi fil-wicc jikkostitwixxu sfregju skont id-dispozizzjonijiet tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Illi dan effettivament irrelata li hemm cikatrici vizibbli izda mhux evidenti hafna u ghaldaqstant id-dispozizzjoni tal-Artikolu 216 ghandha tapplika u mhux tal-Artikolu 218 tal-Kapitolu 9;

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikolu 214, 216(1)(b)(2), 339(1)(d), u 325(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed issib lill-imputat **Mohamed Omran Soltan** hati tal-akkuzi kif dedotti kontrih u bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta tikkundannah ghal sena (1) prigunerija sospizi ghal sentejn (2).

Inoltre u a bazi tal-Artikolu 412A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed tordna l-hrug ta' Ordni ta' Protezzjoni a favur Tiziana Camilleri liema digriet huwa anness ma' din is-sentenza u ghandu jifforma parti ntegrali minnha.

**Ft./Dr Claire L. Stafrace Zammit B.A. LL.D.**
**Magistrat**

**Benjamina Mifsud**
**Deputat Registratur**